Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2025/0543(COD)

31.3.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695
(COM(2025)0543 – C10-0164/2025 – 2025/0543(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Olivier Chastel

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jippreżenta lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-valur miżjud tal-UE jista' jitwettaq b'mod effettiv biss jekk ikun definit b'mod ċar u applikat b'mod konsistenti mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE[1a]. Jissottolinja li fil-kuntest ġeopolitiku attwali, il-valur miżjud tal-UE jenħtieġ li jinkludi t-tisħiħ tat-tmexxija teknoloġika, ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'enfasi qawwija fuq it-teknoloġiji b'użu doppju, f'konformità sħiħa mal-liġi tal-Unjoni.
	[1a] https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/OP-2026-02/OP-2026-02_MT.pdf.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipprova ***xxejjen*** l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-ugwaljanza***,*** bejn ***l-irġiel u n-nisa***, u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipprova ***tnaqqas*** l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri***, u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ***ir-Riżoluzzjonijiet*** tal-Parlament Ewropew u ***l-Konklużjonijiet*** tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ***ir-riżoluzzjonijiet*** tal-Parlament Ewropew u ***l-konklużjonijiet*** tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit***, akkontabbiltà pubblika, sostenibbiltà fiskali u valur għall-flus għall-kontribwenti fl-Istati Membri***. ***Fid-dawl tal-fatt li, skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, is-self pendenti misluf mill-Unjoni jista' jaqbeż EUR 900 biljun sal-2027, u li ż-żieda fil-kostijiet tas-servizzi tad-dejn tnaqqas l-ispazju fiskali disponibbli għall-infiq tal-programm, huwa importanti li jiġi żgurat li l-Programm jagħti benefiċċji tanġibbli u sinifikattivi.***

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni.	(6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni. ***L-allokazzjoni tal-finanzjament ta' Orizzont Ewropa***

	permezz ta' sejħiet, f'konformità mal-prinċipju tal-eċċellenza, hija maħsuba biex tiżgura l-aktar aċċess ġust u ekwu possibbli, tikseb l-aktar eżitu effiċjenti u effettiv għall-finanzjament, u tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà Ewropea u ssaħħaħ l-ekonomija tagħha, filwaqt li tirrispetta r-rekwiżiti ta' trasparenza.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-aċċess ġenerali jenħtieġ li jiġi ssimplifikat u ffaċilitat, il-piżijiet burokratiċi jenħtieġ li jitnaqqsu, u l-għadd ta' regoli jenħtieġ li jitnaqqas, filwaqt li r-rekwiżiti ta' rapportar, dokumentazzjoni u evidenza jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u l-għadd ta' indikaturi tal-prestazzjoni jenħtieġ li jitnaqqas, bi qbil mal-prinċipji tal-proporzjonalità, in-neċessità u l-utilità.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) B'mod partikolari, għall-SMEs u l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, l-obbligi ta' rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għal ġestjoni finanzjarja tajba u monitoraġġ tal-prestazzjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) It-tishiħ tal-kompetittività u tar-reżiljenza fit-tul tal-Unjoni jenħtieġ li jagħti prijorità lill-eċċellenza fir-R&I flimkien ma' sforzi komplementari ta' koeżjoni territorjali biex tiġi ġġenerata, assorbita u implimentata l-innovazzjoni madwar l-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba, koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn Orizzont Ewropa u l-Politika ta' Koeżjoni jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn diviżjoni ċara tal-ambiti tal-finanzjament, sistemi ta' monitoraġġ interoperabbli u flussi finanzjarji traċċabbli, sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni, il-finanzjament doppju u l-frammentazzjoni tar-riżorsi tal-Unjoni.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.	(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn***, inkluż l-industrija, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, u l-awtoritajiet lokali u reġjonali***, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.	(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi. ***Fejn ikun fattibbli u xieraq, jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika soċjali tal-UE.***

Emenda

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.	(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni. ***L-awtonomija xjentifika u baġitarja u l-indipendenza tal-ERC fil-governanza, it-tħejjija tal-programmi ta'***

ħidma u l-proċeduri tal-għażla tiegħu jenħtieġ li jiġu ggarantiti.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li ***tindirizza*** l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li ***taffronta*** l-isfidi dinjin ***billi tilħaq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli*** jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir	(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir

f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.	f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. ***Biex jiġu żgurati aċċess, rati ta' suċċess, kwalità u puntwalità mtejba, u biex jiġu appoġġati teknoloġiji fixkiela lejn it-tħejjija għas-suq permezz tat-teħid ta' riskji u approċċ ta' portafoll koerenti, l-EIC jenħtieġ li jgawdi minn awtonomija operazzjonali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrumenti tiegħu, kif ukoll fl-għażla tal-proġetti u fil-ġestjoni tal-portafoll, f'konformità ma' dan ir-Regolament.***

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu.	(17) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu. ***Għall-azzjonijiet diretti implimentati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura trasparenza xierqa fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-regoli etiċi applikabbli. Għal dak l-għan, il-JRC jenħtieġ li jagħmel disponibbli għall-pubbliku, fuq bażi annwali, informazzjoni aggregata dwar il-politiki, il-proċeduri u l-miżuri fis-seħħ għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-***

	mitigazzjoni ta' kunflitti ta' interess potenzjali, inkluż fil-kuntest ta' kollaborazzjonijiet ma' entitajiet privati, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità. Ir-riċerkaturi, l-esperti u persuni oħra involuti fl-evalwazzjonijiet jew fl-attivitajiet konsultattivi jenħtieġ li jkunu soġġetti għal dikjarazzjoni ta' kunflitti ta' interess u rekwiżiti ta' mitigazzjoni f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettiva tal-valuri u l-prinċipji taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[5], b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika, ix-xjenza għall-politika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni, ix-xjenza miftuħa u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà. B'mod partikolari, il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-opportunitajiet indaqs lil kulħadd u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni ta' materjal relattiv għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kontenut tar-R&I. Jenħtieġ li jkollu l-għan li jindirizza l-kawżi tal-iżbilanċi bejn il-ġeneri. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex, sa fejn hu possibbli, ikun żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-evalwazzjoni u f'korpi konsultattivi rilevanti oħra ***bħal bordijiet u gruppi ta' esperti***.	(18) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettiva tal-valuri u l-prinċipji taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[5], b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika, ix-xjenza għall-politika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni, ix-xjenza miftuħa u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà. B'mod partikolari, il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-opportunitajiet indaqs lil kulħadd u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni ta' materjal relattiv għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kontenut tar-R&I. Jenħtieġ li jkollu l-għan li jindirizza l-kawżi tal-iżbilanċi bejn il-ġeneri. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex, sa fejn hu possibbli, ikun żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-evalwazzjoni u f'korpi konsultattivi rilevanti oħra, ***filwaqt li jiġi żgurat li jkunu ffurmati abbażi tal-mertu, il-kompetenza u l-għarfien espert rilevanti***. ***Il-Programm jenħtieġ li jinkludi***

	mekkaniżmi għal evalwazzjonijiet indipendenti mwettqa minn korpi esterni biex jivvalutaw l-impatt tal-finanzjament fuq l-objettivi tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn l-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu indikaturi ċari tal-prestazzjoni, awditi finanzjarji u konsultazzjonijiet pubbliċi.
[5] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj.	[5] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fejn xieraq, timmonitorja d-distribuzzjoni tal-finanzjament fl-istadji differenti taċ-ċiklu tal-innovazzjoni biex tiżgura allokazzjoni bbilanċjata u tevita konċentrazzjoni eċċessiva ta' riżorsi f'segmenti limitati, u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-programm.***

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi ***għal-perjodu*** kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.	(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi ***għall-perjodu*** kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027. ***Il-miżuri ta' bini tal-kapaċità jenħtieġ li jinkludu parametri referenzjarji ċari u indikaturi tal-prestazzjoni intermedji li jivvalutaw il-progress fir-rati ta' parteċipazzjoni, ir-rwoli ta' koordinazzjoni, ir-riformi istituzzjonali u l-kapaċità ta' assorbiment finanzjarju, filwaqt li jiżguraw li l-appoġġ tal-Unjoni jwassal għal titjib strutturali li jista' jitkejjel.***

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm	(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm

jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni.
F'dan il-qafas, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu ssalvagwardjati, fost miżuri oħra, billi jiġi ggarantit aċċess sħiħ u f'ħin reali għal data verifikabbli permezz ta' sistema tal-IT interoperabbli, bi standards tad-data armonizzati, għas-servizz tal-awditjar intern u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. F'każijiet ta' investigazzjonijiet kriminali serji, jenħtieġ li l-UPPE u l-OLAF jingħataw aċċess fi ħdan il-mandati tagħhom, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali. Biex jiġi żgurat l-użu trasparenti tar-riżorsi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi proċeduri li jippermettu l-awditjar ta' entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li jirċievu finanzjament mill-Unjoni.
L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji. ***Kwalunkwe allokazzjoni ta' fondi għal attivitajiet relatati mad-difiża jenħtieġ li tirrispetta bis-sħiħ l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati***

Membri tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Jenħtieġ li l-attivitajiet ikunu jirriflettu l-importanza li jiġi indirizzat it-telf drammatiku tal-bijodiversità u jikkontribwixxu għall-preservazzjoni u r-restawr tan-natura, l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom. L-integrazzjoni tax-xjenza ambjentali fl-attivitajiet hi meħtieġa biex tkun evitata ħsara fl-ambjent, biex jinżamm ambjent nadif u biex jiġu restawrati ekosistemi sani.	(24) Jenħtieġ li l-attivitajiet ikunu jirriflettu l-importanza li jiġi indirizzat it-telf drammatiku tal-bijodiversità u jikkontribwixxu għall-preservazzjoni u r-restawr tan-natura, l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom. L-integrazzjoni tax-xjenza ambjentali fl-attivitajiet hi meħtieġa biex tkun evitata ħsara fl-ambjent, biex jinżamm ambjent nadif u biex jiġu restawrati ekosistemi sani. ***L-eżiti ta' dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jitwasslu wkoll f'oqsma oħra ta' politika tal-UE.***

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Il-Programm jagħraf li t-tibdil fil-klima hu waħda mill-akbar sfidi dinjin u tas-soċjetà, u li l-azzjoni klimatika hi ***xprun*** għall-kompetittività industrijali. L-attivitajiet jenħtieġ li jkunu jirriflettu l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi.	(25) Il-Programm jagħraf li t-tibdil fil-klima hu waħda mill-akbar sfidi dinjin u tas-soċjetà, u li l-azzjoni klimatika hi ***fattur rilevanti*** għall-kompetittività industrijali***, kif ukoll strateġija industrijali moderna u newtrali f'termini tal-emissjonijiet tal-karbonju***. L-attivitajiet jenħtieġ li jkunu jirriflettu l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi ***u l-leġiżlazzjoni dwar Tranżizzjoni Ġusta***. ***Il-finanzjament tar-riċerka tal-Unjoni jenħtieġ li jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.***

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Is-simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Programm hi essenzjali biex tiżgura l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tiegħu, b'mod partikolari billi tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u timminimizza r-riskji ta' errur. Għal dan il-għan, il-Programm jenħtieġ li jiddependi primarjament fuq issomom f'daqqa bħala l-forma awtomatika tal-finanzjament tal-Unjoni. Filwaqt li tul il-Programmi Qafas preċedenti avvanzaw l-isforzi għal simplifikazzjoni tar-regoli tal-finanzjament u biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-erruri, jenħtieġ li jiġi ssimplifikat aktar ukoll ir-rimborż tal-kostijiet tal-persunal ***permezz*** ta' kostijiet unitarji tal-persunal, ħalli tonqos il-kumplessità għall-parteċipanti u jiġi ffaċilitat ir-rapportar.	(26) Is-simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Programm hi essenzjali biex tiżgura l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tiegħu, b'mod partikolari billi tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u timminimizza r-riskji ta' errur. Għal dan il-għan, il-Programm jenħtieġ li jiddependi primarjament fuq issomom f'daqqa bħala l-forma awtomatika tal-finanzjament tal-Unjoni***, b'mod partikolari għal proġetti fuq skala iżgħar jew medja. Il-bidla lejn għażliet ta' kostijiet issimplifikati jew kwalunkwe forma simplifikata oħra ta' finanzjament prevista minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tiggarantixxi t-trasparenza u l-awditjabbiltà, u jenħtieġ li tippreserva d-drittijiet tal-OLAF u tal-UPPE li jwettqu investigazzjonijiet fi ħdan il-mandat tagħhom, u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li twettaq awditi, b'mod effettiv. Jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll trattament ugwali***. Filwaqt li tul il-Programmi Qafas preċedenti avvanzaw l-isforzi għal simplifikazzjoni tar-regoli tal-finanzjament u biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-erruri, jenħtieġ li jiġi ssimplifikat aktar ukoll ir-rimborż tal-kostijiet tal-persunal ***billi jiġi propost l-użu*** ta' kostijiet unitarji tal-persunal, ħalli tonqos il-kumplessità għall-parteċipanti u jiġi ffaċilitat ir-rapportar. ***Kumplessità amministrattiva eċċessiva teskludi b'mod sproporzjonat lill-atturi u lir-reġjuni li għandhom anqas riżorsi, u għalhekk, l-isforzi ta' simplifikazzjoni, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-benefiċjarji, huma prerekwiżit ewlieni għal aċċess ekwu għall-Programm sabiex tiġi pprovduta riżerva usa' ta' atturi madwar l-Unjoni aktar kompetittiva fir-R&I. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-miżuri ta' simplifikazzjoni jitfasslu b'mod li jkunu ta' benefiċċju għall-applikanti u l-**

benefiċjarji, pereżempju l-applikanti għall-ewwel darba, l-SMEs u l-universitajiet reġjonali. Jenħtieġ ukoll li l-Programm jippromwovi konsorzji iżgħar u aktar flessibbli, strutturi tal-proġetti modulari u parteċipazzjoni fi stadji sabiex tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni usa' u inklużjoni effettiva madwar it-territorji kollha tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-miżuri ta' simplifikazzjoni jiġu implimentati b'mod proporzjonat u bbażat fuq ir-riskju, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju dokumentata, filwaqt li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà waqt li jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' salvagwardji xierqa, inklużi arranġamenti ta' awditjar u kontroll, kif ukoll metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-ammonti ta' pagament u mekkaniżmi għall-prevenzjoni ta' kumpens żejjed sistematiku. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kisbiet fl-effiċjenza mill-miżuri ta' simplifikazzjoni jenħtieġ li jwasslu għal iffrankar dimostrabbli fil-baġit amministrattiv tal-Programm. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-prestazzjoni ta' dawn il-miżuri, inkluż dwar l-iffrankar tal-kostijiet amministrattivi.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Proġetti li jinvolvu diversi sorsi ta' finanzjament tal-Unjoni u nazzjonali, durati twal, konsorzji kbar, jew li huma kklassifikati bħala b'riskju għoli għandhom riskji akbar ta' kumpens żejjed, irregolaritajiet, finanzjament doppju u frodi, u jirrikjedu rapportar finanzjarju dettaljat u data dwar in-nefqa verifikabbli biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-akkontabbiltà u ġestjoni

	finanzjarja tajba. Biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-ġestjoni finanzjarja tajba fl-użu tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tapplika metodoloġiji ċari, inklużi verifiki tal-plawżibbiltà tal-kostijiet u l-użu ta' parametri referenzjarji fir-rigward ta' azzjonijiet komparabbli, tipprevjeni l-kumpens żejjed u l-finanzjament doppju, u tiżgura monitoraġġ u awditjar effettivi, mingħajr ma tippreġudika l-prerogattivi ta' sorveljanza baġitarja tal-Parlament Ewropew.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 26b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26b) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat b'rispett sħiħ tal-qafas tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-baġit, inkluż ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura trasparenza u rapportar xierqa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar miżuri li jaffettwaw l-infiq tal-Programm adottati taħt dak il-qafas. B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-qafas ta' kontroll jippermetti traċċabbiltà sħiħa tal-operazzjonijiet u tar-riċevituri u li d-data meħtieġa għall-kontrolli, l-awditi u l-investigazzjonijiet tkun kompluta, affidabbli u magħmula disponibbli permezz taż-żona unika ta' skambju elettroniku tad-data u l-gateway unika msemmija fl-Artikolu 31 dwar l-Aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività].

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 26c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26c) Għall-għotjiet implimentati permezz ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet jew ma' għażliet ta' kostijiet issimplifikati, il-programm ta' ħidma jew id-dokumentazzjoni tal-għoti jenħtieġ li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-pagamenti parzjali, għat-tnaqqis, għas-sospensjonijiet u għall-irkupri meta l-kundizzjonijiet għall-pagament ma jiġux issodisfati, inklużi l-prinċipji tal-proporzjonalità u t-trattament tal-kisba parzjali. Dik il-metodoloġija jenħtieġ li tiġi applikata mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 26d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26d) Biex jiġi appoġġat il-livell xieraq ta' trasparenza li jkun ta' benefiċċju għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, ir-riċevitur finali għall-appoġġ mill-Programm jenħtieġ li jkun il-persuna fiżika jew l-entità li de facto tirċievi l-finanzjament tal-UE. Il-ministeri, l-aġenziji jew il-korpi tal-gvern li jissorveljaw, jirregolaw jew jamministraw il-fondi jenħtieġ li jitqiesu bħala riċevituri finali biss meta jkunu huma stess involuti fl-eżekuzzjoni u fl-applikazzjoni diretta tax-xogħol jew tas-servizz u jġarrbu l-kostijiet assoċjati, u jenħtieġ li jiġu rreġistrati b'mod li jippermetti t-traċċabbiltà tal-fondi tal-Unjoni fil-katina sħiħa tal-implimentazzjoni.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 26e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26e) Filwaqt li l-għażliet ta' kostijiet simplifikati, inkluż il-finanzjament b'somma f'daqqa, jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tar-rati ta' żball, huwa essenzjali li l-metodoloġiji użati biex jiġu ddeterminati tali ammonti jkunu bbażati fuq valutazzjonijiet robusti tal-plawżibbiltà tal-kostijiet u l-użu ta' parametri referenzjarji fir-rigward ta' azzjonijiet komparabbli, u jiġu rieżaminati perjodikament biex jiġu żgurati ġestjoni finanzjarja tajba u valur għall-flus.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*
(27) Biex tiġi akkomodata struttura organizzazzjonali speċifika, speċjalment li wieħed jiltaqa' magħhom waqt l-attivitajiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li l-kontribuzzjonijiet in natura mingħand partijiet terzi jiġu ddikjarati bħala kostijiet eliġibbli. Biex tiġi inċentivata l-valorizzazzjoni tar-riżultati, jenħtieġ li jiġi ċċarat li dan ma għandux jingħadd bħala dħul tal-azzjoni.	(27) Biex tiġi akkomodata struttura organizzazzjonali speċifika, speċjalment li wieħed jiltaqa' magħhom waqt l-attivitajiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li l-kontribuzzjonijiet in natura mingħand partijiet terzi jiġu ddikjarati bħala kostijiet eliġibbli. Biex tiġi inċentivata l-valorizzazzjoni tar-riżultati, jenħtieġ li jiġi ċċarat li dan ma għandux jingħadd bħala dħul tal-azzjoni.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-azzjonijiet appoġġati b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jħaffu jew jixprunaw l-investimenti billi jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, jevitaw id-duplikazzjoni jew	(30) L-azzjonijiet appoġġati b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jħaffu jew jixprunaw l-investimenti billi jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, jevitaw id-duplikazzjoni jew

l-esklużjoni, u jinċentivaw il-finanzjament privat, u jipprovdu valur miżjud tal-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għar-riżorsi nazzjonali, dan jenħtieġ li jiżgura wkoll konsistenza bejn l-azzjonijiet skont il-Programm u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u b'hekk jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-suq intern.	l-esklużjoni, u jinċentivaw il-finanzjament privat, u jipprovdu valur miżjud tal-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għar-riżorsi nazzjonali, dan jenħtieġ li jiżgura wkoll konsistenza bejn l-azzjonijiet skont il-Programm u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u b'hekk jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-suq intern. ***Il-Parlament jissottolinja li, fil-prattika, kundizzjonijiet riġidi ta' eliġibbiltà u restrizzjonijiet fuq l-għajnuna mill-Istat taħt skemi ta' innovazzjoni b'ġestjoni kondiviża jistgħu jipprevjenu negozji ġodda b'riskju għoli, ibbażati fuq ir-riċerka u ta' teknoloġija profonda – li spiss joperaw f'fażijiet twal ta' qabel id-dħul – milli jaċċessaw l-appoġġ, u dan idgħajjef l-objettiv li tinbena riżerva ta' kumpaniji innovattivi madwar l-Unjoni. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi allinjament u komplementarjetà aħjar bejn l-appoġġ ta' Orizzont Ewropa u l-istrumenti ta' ġestjoni kondiviża, sabiex l-innovazzjoni rivoluzzjonarja b'orizzonti itwal ta' żmien għas-suq ma tkunx esklużа strutturalment.***

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Iż-żieda fl-użu tal-akkwist prekummerċjali fl-ambitu tal-Programm, inkluża l-possibbiltà ta' proċeduri f'żewġ fażijiet u l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi ħafna li huma l-ewwel tat-tip tagħhom, tista' tinvolvi riskji speċifiċi minħabba l-esperjenza limitata ta' ċerti awtoritajiet kontraenti b'mudelli ta' akkwist innovattivi. Biex jiġu żgurati l-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u l-użu effettiv tar-riżultati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi gwida lill-awtoritajiet

kontraenti u lill-benefiċjarji, inkluż appoġġ immirat għall-bini tal-kapaċitajiet għall-awtoritajiet b'esperjenza limitata, b'mod partikolari fi Stati Membri iżgħar, u miżuri biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs u ta' innovaturi iżgħar oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, il-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, is-sjieda tar-riżultati u l-aċċess għalihom, u l-użu effettiv tal-oġġetti, tas-servizzi jew tax-xogħlijiet akkwistati.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], u r-Regolamenti tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95[10], (Euratom, KE) Nru 2185/96[11] u (UE) 2017/1939[12], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jitħarsu b'miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod skorrett u, meta xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa	(35) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], u r-Regolamenti tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95[10], (Euratom, KE) Nru 2185/96[11] u (UE) 2017/1939[12], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jitħarsu b'miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod skorrett u, meta xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa

kompetenti biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi ***fondi*** tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, kif xieraq, lill-UPPE tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

kompetenti biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi ***finanzjamenti*** tal-Unjoni ***fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, inkluż fil-forma ta' operazzjonijiet ta' taħlit bħal strumenti finanzjarji,*** trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, kif xieraq, lill-UPPE tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

---

[9] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L248, 18.9.2013, p. 1).

[10] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u ***irregolarijiet*** oħra (ĠU L292,15.11.96 , p. 2).

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur

[9] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L248, 18.9.2013, p. 1).

[10] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u ***irregolaritajiet*** oħra (ĠU L292,15.11.96 , p. 2).

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur

Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

[13] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

[13] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Sabiex jissaħħaħ l-impatt tal-Programm, jenħtieġ li ssir enfasi fuq il-prestazzjoni u r-riżultati tanġibbli, imkejla permezz ta’ qafas ċar u li jagħti prijorità lill-impatti. L-indikaturi primarji jenħtieġ li jirriflettu l-valur ekonomiku u industrijali ġġenerat mill-innovazzjoni ffinanzjata mill-Unjoni, inkluż ir-redditu fuq l-investiment, l-adozzjoni tas-suq, it-tkabbir tal-produttività u t-tkabbir tad-dħul attribwibbli għal innovazzjonijiet appoġġati, kif ukoll indikaturi bħall-impatt industrijali, ekonomiku u ambjentali, il-privattivi, il-pubblikazzjonijiet xjentifiċi u l-potenzjal ta’ sfruttament. L-indikaturi tal-output, bħall-finanzjament mobilizzat, l-għadd ta’ proġetti ffinanzjati għal kull settur u l-għadd ta’ negozji ġodda maħluqa, jenħtieġ li jintużaw bħala metriċi komplementari biex jispjegaw ir-riżultati pjuttost milli jissostitwuhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika, fuq bażi annwali, sommarji tal-prestazzjoni ċari u faċli għall-utent għal kull parti tal-Programm, inklużi ħarsiet ġenerali ta’ paġna waħda u dashboards interattivi b’settijiet tad-data li jinqraw mill-magni. Il-programmi jew il-flussi ta’ finanzjament li jonqsu b’mod konsistenti milli jilħqu l-miri tal-impatt tagħhom

jenħtieġ li jkunu soġġetti għal mekkaniżmu ta' rieżami obbligatorju li bih jiġu vvalutati awtomatikament għal sospensjoni jew riallokazzjoni possibbli għal strumenti aktar effettivi.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 35b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35b) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien proċedurali għall-evalwazzjoni, it-tħejjija tal-għotjiet u l-iffirmar sabiex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-finanzjament. Dan l-approċċ jenħtieġ li jiffaċilita l-aċċess għall-SMEs u l-ispin-offs, jevita l-konċentrazzjoni tal-finanzjament fuq numru limitat ta' strutturi u jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dewmien amministrattiv. Is-sistemi tal-awditjar u tal-kontroll jenħtieġ li jevolvu lejn approċċ aktar sempliċi u aktar preventiv, li jiddependi b'mod aktar estensiv fuq għodod diġitali u fuq taħriġ obbligatorju għall-benefiċjarji u għall-applikanti ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar il-kostijiet tal-persunal, li huma sors ewlieni ta' żball.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 35c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35c) L-użu tal-fondi fl-ambitu tal-Programm jenħtieġ li jkun soġġett għas-sorveljanza tal-Parlament Ewropew. L-informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali u l-proġetti ffinanzjati jenħtieġ li tkun disponibbli għall-Parlament fil-ħin, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jenħtieġ li jikkooperaw mal-Parlament fil-ħidma ta'

skrutinju tiegħu, inkluż billi jipprovdu informazzjoni u jipparteċipaw f'seduti ta' smigħ parlamentari.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà riflessi fl-Artikoli 17.3, 20.4 u 21.1 tal-Anness I, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament u f'konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà fl-Annessi I u III tad-Direttiva 2019/882, ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, ir-regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, ir-regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.	(36) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà riflessi fl-Artikoli 17.3, 20.4 u 21.1 tal-Anness I, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament u f'konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà fl-Annessi I u III tad-Direttiva 2019/882, ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, ir-regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, ir-regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà. ***Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' dawk il-prinċipji orizzontali fl-ambitu ta' dan il-Programm jenħtieġ li jkunu proporzjonati u adattati għan-natura tar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-fattibbiltà tal-ilħuq tal-objettivi tal-Programm kif stabbilit f'dan ir-Regolament, u jenħtieġ li ma jimponux rekwiżiti lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi. Il-libertà tar-riċerka***

	fundamentali, b'mod partikolari, jenħtieġ li ma tiġix imxekkla minn restrizzjonijiet deterministiċi minn fuq għal isfel. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u trasparenza għall-applikanti u l-benefiċjarji, il-modalitajiet speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' dawk il-prinċipji orizzontali fl-ambitu tal-Programm jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Fid-dawl tal-fatt li, skont ir-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2024, is-self pendenti meħud mill-Unjoni jista' jaqbeż EUR 900 biljun sal-2027, li huwa kważi għaxar darbiet il-livell mill-2020 qabel l-introduzzjoni tal-pakkett ta' rkupru tan-Next Generation EU, u li ż-żieda fil-kostijiet tat-teħid b'self toħloq riskju għall-bażits futuri u tnaqqas l-ispazju fiskali għal prijoritajiet ġodda, din il-pressjoni fiskali bla preċedent tirrikjedi li l-Programm juri dixxiplina stretta fin-nefqa u jipprijoritizza l-infiq bl-ogħla valur miżjud li jista' jintwera. Il-kostijiet ġenerali amministrattivi, inklużi l-kostijiet tal-aġenziji eżekuttivi, jenħtieġ li ma jikbrux b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-bażit operattiv.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) "riċevitur finali" tfisser kuntrattur, sottokuntrattur, espert estern

	remunerat jew persuna jew entità li tirċievi premji jew fondi fl-ambitu tal-Programm.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– L-allinjament tal-prijoritajiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali biex tinħoloq ekosistema pan-Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni.	– L-allinjament tal-prijoritajiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali biex tinħoloq ekosistema pan-Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni ***biex jiġu indirizzati kif xieraq il-prijoritajiet u l-isfidi emerġenti***.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – inċiż 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Jiżgura li l-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu tal-Programm, inkluż dak fl-ambitu tal-EIC, ikun marbut ma' riżultati li jistgħu jitkejlu, indikaturi tal-prestazzjoni u evalwazzjoni ex post li jivvalutaw l-impatt territorjali, l-ingranaġġ ta' investiment addizzjonali u s-sostenibbiltà fit-tul, filwaqt li dawk ir-riżultati jenħtieġ li jiġu allinjati mal-objettivi ta' politika tal-UE.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – inċiż 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Jiżgura li l-infiq kollu tal-Programm ikun disponibbli biex jappoġġa l-valutazzjoni tal-valur għall-flus tal-awtorità ta' kwittanza.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – inċiż 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Jivvaluta l-effettività, it-trasparenza u l-valur għall-flus tal-istrumenti finanzjarji użati fl-ambitu tal-Programm, inklużi l-investimenti ta' ekwità u l-finanzjament imħallat.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-orjentazzjoni strateġika tal-Programm għandha titħejja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-akkontabbiltà pubblika.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-prinċipji orizzontali applikabbli għall-Programm, inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", l-ugwaljanza bejn il-ġeneri inkluża l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà, għandhom jiġu implimentati b'mod li jkun proporzjonat u adattat għan-natura tal-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni u għall-fattibbiltà li jintlaħqu l-objettivi tal-Programm stabbiliti fl-Artikolu 3.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-modalitajiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji orizzontali msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament u ma għandhomx jimponu rekwiżiti lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) jiżgura s-simplifikazzjoni amministrattiva u t-tnaqqis tal-piż għall-benefiċċju tal-applikanti u tal-benefiċjarji, filwaqt li jiżgura t-trasparenza, l-akkontabbiltà u l-awditjabbiltà.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) EUR 44 079 000 000 għall-Parti I "Xjenza Eċċellenti", li minnhom EUR 2 600 000 000 għal azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC).	(a) EUR 44 079 000 000 għall-Parti I "Xjenza Eċċellenti", li minnhom ***EUR (XXX) għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), EUR (XXX) għall-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) u*** EUR 2 600 000 000 għal azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC).

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 7 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informatika, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.	3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 7 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni***, inklużi d-disinn u l-operat ta' sistemi u metodoloġiji biex jiġu żgurati l-kwalità u l-verifika indipendenti ta' data dwar il-prestazzjoni u l-ġestjoni finanzjarja, u l-interoperabbiltà maż-żona unika ta' interskambju ta' data elettronika u l-gateway unika msemmija fl-Artikolu 31 dwar l-Aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni tar-Regolament (UE) XXX (Fond Ewropew għall-Kompetittività)***, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informatika, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura kontabbiltà separata tan-nefqa mġarrba skont il-paragrafu 3 għall-finijiet ta' kontroll, awditjar u evalwazzjoni, inklużi sistemi tal-IT korporattivi użati għal dawk il-finijiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill analiżi tan-nefqa amministrattiva u operattiva, li

tiddistingwi mill-inqas bejn:

(a) monitoraġġ u rapportar tal-prestazzjoni;

(b) kontrolli ex ante u ex post;

(c) attivitajiet ta' awditjar u kontra l-frodi;

(d) kostijiet tal-persunal, inkluż il-persunal tal-aġenzija eżekuttiva;

(e) sistemi u pjattaformi tal-IT;

(f) attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni;

(g) kostijiet ġenerali oħra.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx għamlet impenn legali b'ġestjoni diretta jew indiretta biex il-Programm ikollu ammonti addizzjonali disponibbli b'dan il-mod, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura lejn il-programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew lejn is-suċċessuri tagħhom.	2. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx għamlet impenn legali b'ġestjoni diretta jew indiretta biex il-Programm ikollu ammonti addizzjonali disponibbli b'dan il-mod, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura lejn il-programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew lejn is-suċċessuri tagħhom. ***Ir-riżorsi addizzjonali minn ġestjoni kondiviża għandhom jitfasslu, jiġu implimentati u mmonitorjati bi qbil mal-prinċipju tas-sħubija, filwaqt li jiġu***

	ssalvagwardjati bis-sħiħ ir-rwoli tal-Parlament bħala leġiżlatur, awtorità baġitarja u ta' kwittanza.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni minn dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat bi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni minn dan il-Programm***, dment li kontribuzzjonijiet multipli ma jkoprux l-istess kostijiet***. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat bi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura miżuri ta' koordinazzjoni li jippermettu l-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' finanzjament doppju u l-applikazzjoni konsistenti ta' standards ta' eliġibbiltà u kontroll fil-Programm kollu u, abbażi tar-riskju, tivverifika li l-appoġġ tal-Unjoni mogħti skont dan ir-Regolament u skont programmi oħra tal-Unjoni ma jiffinanzjax l-istess kostijiet diversi drabi, inkluż billi tiffaċilita l-iskambju tad-data u tuża d-data disponibbli permezz tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 31 dwar l-Aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni tar-Regolament (UE) XXX (il-Fond Ewropew għall-Kompetittività), soġġett għar-regoli***

applikabbli dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-data.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta azzjoni tirċievi finanzjament ikkombinat jew kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjoni tiġi assenjata identifikatur uniku u li l-awtorità tal-għoti twettaq kontroverifiki ex ante u verifiki ex post ibbażati fuq ir-riskju biex tipprevjeni l-finanzjament doppju u biex tiżgura t-traċċabbiltà fil-programmi kollha.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Meta l-azzjonijiet ikunu appoġġati flimkien ma' finanzjament taħt ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, meta jkun xieraq, jenħtieġ li jippromwovu arranġamenti prattiċi li jiffaċilitaw l-aċċess għal SMEs u negozji ġodda innovattivi, inkluż billi jindirizzaw ir-restrizzjonijiet tal-fluss tal-flus u r-rekwiżiti sproporzjonati għal garanziji finanzjarji fi stadji bikrija, filwaqt li jiżguraw ġestjoni finanzjarja tajba.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	3a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw kontroverifika sistematika tal-finanzjament fl-ambitu ta' dan il-Programm ma' programmi u strumenti oħra tal-Unjoni sabiex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess azzjoni jew benefiċjarju.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw azzjonijiet li jkunu ngħataw Siġill tal-Kompetittività.	4. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw azzjonijiet li jkunu ngħataw Siġill tal-Kompetittività. ***Tali azzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u għandhom jiġu implimentati b'mod li jipprevjeni l-finanzjament doppju.***

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) għandhom jużaw mekkaniżmi robusti ta' ġestjoni tar-riskju fis-seħħ, u jużaw mekkaniżmi effettivi ta' sanzjonar għal meta jinkisru t-termini tal-ftehim;

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) għandhom jiżguraw id-diliġenza dovuta sħiħa tar-rapportar tal-eżiti tal-proġetti u t-trasparenza fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali fi

	proġetti ffinanzjati fl-ambitu ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni;

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) għandhom jintroduċu u jimplimentaw miżuri b'saħħithom dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess.

Emenda 56
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 ***u*** (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 tat-TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.	3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509***,*** (UE, Euratom) Nru 883/2013 ***u r-Regolament (UE) 2017/1939, lill-Kummissjoni, lill-OLAF u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri,*** u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 tat-TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

Emenda 57
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-ambitu tal-assoċjazzjoni ta' kull pajjiż terz mal-Programm għandu jqis analiżi tar-riskji***, b'mod partikolari dawk*** li x'aktarx jaffettwaw l-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-Unjoni f'oqsma ta' politika rilevanti, inkluż is-sigurtà ekonomika u tar-riċerka***, kif ukoll il-benefiċċji*** u l-objettiv usa' li jixprunaw it-tkabbir ekonomiku u l-	5. L-ambitu tal-assoċjazzjoni ta' kull pajjiż terz mal-Programm għandu jqis analiżi tar-riskji li x'aktarx jaffettwaw l-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-Unjoni f'oqsma ta' politika rilevanti, inkluż is-sigurtà ekonomika u tar-riċerka***. L-ambitu tal-assoċjazzjoni ta' kull pajjiż terz mal-Programm għandu jqis ukoll analiżi tal-***

kompetittività tal-Unjoni permezz tal-innovazzjoni. Għaldaqstant, bl-eċċezzjoni tal-membri taż-ŻEE, il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, il-pajjiżi terzi jistgħu jiġu eskluży minn partijiet tal-Programm skont dan ir-Regolament jew skont il-ftehim ta' assoċjazzjoni nnifsu.

benefiċċji u l-objettiv usa' li jixprunaw it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-Unjoni permezz tal-innovazzjoni. Għaldaqstant, bl-eċċezzjoni tal-membri taż-ŻEE, il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, il-pajjiżi terzi jistgħu jiġu eskluży minn partijiet tal-Programm skont dan ir-Regolament jew skont il-ftehim ta' assoċjazzjoni nnifsu.

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'ġestjoni diretta jew b'ġestjoni indiretta ma' korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'ġestjoni diretta jew b'ġestjoni indiretta ma' korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament ***filwaqt li jissalvagwardja bis-sħiħ ir-rwoli tal-Parlament bħala awtorità baġitarja u ta' kwittanza***.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kost, jew bħala għażliet ta' kostijiet issimplifikati b'mod partikolari permezz ta' somom f'daqqa kif ukoll bħala kostijiet unitarji għal persunal, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli***, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu***	4. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu ***jingħata fil-forma li titqies l-aktar xierqa abbażi tan-natura u l-objettivi tal-azzjoni. Bħala tali, jista'*** jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kost, jew bħala għażliet ta' kostijiet issimplifikati b'mod partikolari permezz ta' somom f'daqqa kif ukoll bħala kostijiet unitarji għal persunal, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. ***Meta l-kost totali stmat ta' operazzjoni***

jintlaħqu mod ieħor biss. Fejn ikun meħtieġ li jiġu permessi sorsi oħra ta' finanzjament inklużi koinvestimenti ma' riżorsi nazzjonali soġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat***, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' rimborż reali tal-kostijiet eliġibbli jew ta'għażliet ta' kostijiet issimplifikati***.

jaqbeż EUR 20 000 000, li jirrappreżenta investiment fuq skala kbira, jew ikun neċessarju u xieraq, il-finanzjament ***tal-Unjoni*** jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli. ***Tali finanzjament jew finanzjament fil-forma ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati jista' jiġi pprovdut ukoll*** fejn ikun meħtieġ li jiġu permessi sorsi oħra ta' finanzjament***,*** inklużi koinvestimenti ma' riżorsi nazzjonali soġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-użu ta' somom f'daqqa bħala forma ta' finanzjament ma għandux inaqqas id-drittijiet tal-awditjar u tal-investigazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, tal-OLAF jew tal-UPPE, u lanqas inaqqas il-livell ta' assigurazzjoni disponibbli għall-awtorità ta' kwittanza. Il-Kummissjoni, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju dokumentata, għandha tistabbilixxi mekkaniżmi ta' verifika ex post proporzjonati għal azzjonijiet iffinanzjati b'somma f'daqqa.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Meta l-finanzjament jingħata fil-forma ta' għażliet ta' kostijiet simplifikati, il-programm ta' ħidma jew id-dokumentazzjoni tal-għoti għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni dwar l-adegwatezza tal-forma ta' implimentazzjoni magħżula u jiddefinixxu

kundizzjonijiet oġġettivi, li jistgħu jitkejlu u verifikabbli għall-pagament, inkluża l-evidenza meħtieġa biex tintwera l-kisba tal-outputs, tar-riżultati jew tal-istadji importanti. F'każijiet bħal dawn, il-programmi ta' ħidma għandhom jispeċifikaw:

(a) il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-ammont;

(b) l-objettivi, il-miri jew il-kundizzjonijiet għall-pagament li jistgħu jiġu vverifikati b'mod oġġettiv;

(c) il-proċedura għall-verifika tat-twettiq tagħhom, inkluż, fejn xieraq, verifika indipendenti;

(d) il-konsegwenzi tat-twettiq parzjali, inklużi t-tnaqqis u l-irkupri proporzjonali tal-għotjiet; u

(e) il-valutazzjoni tat-treġġigħ lura tal-miżuri u/jew in-nuqqas ta' ssodisfar tal-prekundizzjonijiet wara t-tlestija tal-azzjoni.

Għall-għotjiet implimentati permezz ta' għażliet ta' kostijiet simplifikati, il-programm ta' ħidma jew id-dokumentazzjoni tal-għoti għandhom jispeċifikaw il-metodoloġija għat-tnaqqis, għas-sospensjonijiet u għall-irkupri meta l-kundizzjonijiet għall-pagament ma jiġux issodisfati, inklużi l-prinċipji tal-proporzjonalità u t-trattament tal-kisba parzjali. Dik il-metodoloġija għandha tiġi applikata mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni ***jista'*** jkun	5. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni ***għandu*** jkun

magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.	magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti. ***Meta jintużaw esperti esterni, l-awtorità tal-għoti għandha twettaq verifiki xierqa qabel il-proċedura tal-għoti u tiżgura ġestjoni dokumentata u nuqqas ta' kunflitti ta' interess, trasparenza fl-għażla tal-esperti u livell xieraq ta' indipendenza u għarfien espert proporzjonat għall-mertu xjentifiku u akkademiku, għall-profil tar-riskju u għall-iskala tal-azzjoni. Meta applikabbli, il-kumitati ta' evalwazzjoni għandhom jinkludu esperti esterni indipendenti. Meta, minħabba raġunijiet debitament ġustifikati ta' urġenza, sigurtà jew kunfidenzjalità, l-esperti esterni indipendenti ma jkunux jistgħu jipparteċipaw, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delega għandu jiddokumenta r-raġunijiet u s-salvagwardji kumpensatorji applikati biex jiġu żgurati t-trasparenza, it-trattament ugwali u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess. B'rispett sħiħ għar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, l-ismijiet tal-esperti esterni indipendenti għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità ta' kwittanza fuq talba.***

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Trasparenza tal-benefiċjarji u tar-riċevituri finali
	1. Il-forom kollha ta' implimentazzjoni għandhom jippermettu t-traċċabbiltà sħiħa tal-fondi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasparenza tal-appoġġ tal-Unjoni pprovdut skont dan ir-Regolament f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u għandha

tippubblika, f'format li jinqara mill-magni u li jippermetti t-tiftix, informazzjoni dwar is-sħab konsorzjali u r-riċevituri finali kollha tal-finanzjament tal-Unjoni, inklużi l-benefiċjarji, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u r-riċevituri, u, meta applikabbli, is-sidien benefiċjarji, filwaqt li tirrispetta r-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

2. L-informazzjoni ppubblikata għandha tinkludi mill-inqas l-isem, il-post (pajjiż), it-titolu tal-azzjoni, il-parti rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, il-forma tal-appoġġ, u l-ammont impenjat u mħallas. Kwalunkwe restrizzjoni tal-pubblikazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tkun meħtieġa u proporzjonata u għandha tiġi ddokumentata; meta l-pubblikazzjoni tkun ristretta, il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju mhux kunfidenzjali.

3. L-għażla tal-forma ta' implimentazzjoni ma għandhiex taffettwa r-regoli applikabbli dwar l-esklużjoni, il-kunflitt ta' interess, l-evitar ta' finanzjament doppju, u lanqas id-drittijiet tal-awditjar u tal-investigazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, u l-benefiċjarji kollha, inklużi l-kuntratturi, is-sottokuntratturi u r-riċevituri, għandhom jirrispettaw id-drittijiet tal-awditjar tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħtiġiet tar-rappurtaġġ;	(b) il-ħtiġiet tar-rappurtaġġ ***u l-ħtiġiet ta' trasparenza għall-akkontabbiltà***;

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-kompetenzi, l-obbligi u r-responsabbiltajiet operazzjonali rispettivi tal-Kummissjoni u tal-partijiet ikkonċernati l-oħra għall-finijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) l-arranġamenti li jiżguraw livell adegwat ta' trasparenza, awditjabbiltà u responsabbiltà fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Programm;

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, inklużi l-kondizzjonijiet li taħthom il-livell u l-forma tagħhom jistgħu jiġu adattati, dment li l-parteċipazzjoni finanzjarja ġenerali tibqa' bbilanċjata, proporzjonata u konsistenti mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(fa) ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet indipendenti obbligatorji mhux aktar tard mir-raba' sena tal-operat, li jivvalutaw jekk laħqux il-miri tal-impatt tagħhom u kisbux riżultati tanġibbli; meta l-evalwazzjoni tikkonkludi li sħubija tkun naqset b'mod konsistenti milli tilħaq il-miri tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni għandha tipproponi t-terminazzjoni jew ir-ristrutturar fundamentali tagħha u għandha talloka mill-ġdid il-finanzjament korrispondenti għal strumenti aktar effettivi; ir-riżultati ta' tali evalwazzjonijiet għandhom jiġu trażmessi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jsiru disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ERC għandu jattira l-aktar riċerkaturi b'talent mid-dinja kollha u ***jistabbilixxi l-Unjoni*** bħala ċentru minn ta' quddiem fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.	2. L-ERC għandu ***jfittex li*** jattira l-aktar riċerkaturi b'talent mid-dinja kollha u ***jikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-Unjoni*** bħala ċentru minn ta' quddiem fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-ERC għandu jwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu ħieles minn influwenza politika fl-għażla u l-finanzjament tal-attivitajiet. Id-deċiżjonijiet dwar l-għotjiet individwali għandhom ikunu bbażati esklużivament fuq l-eċċellenza xjentifika, kif determinata permezz ta' evalwazzjoni bejn il-pari indipendenti, u b'hekk tiġi

ssalvagwardjata l-fiduċja tal-pubbliku.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għal azzjonijiet appoġġati permezz ta' finanzjament imħallat jew appoġġ għall-investiment biss taħt l-Aċċelleratur tal-EIC, il-kejl tal-prestazzjoni għandu jagħti prijorità lill-impatti: l-adozzjoni mis-suq, it-tkabbir tad-dħul u r-redditu fuq l-investiment attribwibbli għal innovazzjonijiet appoġġati mill-EIC. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta fuq bażi annwali lill-Parlament Ewropew dwar:
	(a) l-għadd ta' kumpaniji appoġġati li laħqu l-profittabbiltà jew kisbu dħul sostnut;
	(b) l-effett ta' ingranaġġ, imkejjel bħala koinvestiment totali mobilizzat għal kull euro ta' ekwità tal-Unjoni;
	(c) valutazzjoni ex post ta' jekk l-investimenti fl-ekwità tal-EIC ikkomplementawx jew spustawx il-kapital privat li kieku kien ikun disponibbli fuq termini komparabbli.
	Din l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'format li jinqara mill-magni.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-programm għandu jappoġġa lill-organizzazzjonijiet biex joħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni u kundizzjonijiet ta' qafas	1. Il-programm għandu jappoġġa lill-organizzazzjonijiet biex joħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni u kundizzjonijiet ta' qafas

kompetittivi, robusti u konnessi. Għal dan l-għan għandhom jiġu segwiti sinerġiji ma' programmi tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.	kompetittivi, robusti u konnessi. ***F'dan ir-rigward, l-appoġġ għall-ekosistemi tal-innovazzjoni għandu jkun ibbażat fuq objettivi definiti b'mod ċar, kapaċità ta' governanza, impenji ta' kofinanzjament u pjanijiet ta' sostenibbiltà lil hinn mid-durata tal-finanzjament tal-Unjoni.*** Għal dan l-għan għandhom jiġu segwiti sinerġiji ma' programmi tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Programm għandu jappoġġa l-attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni.	2. Il-Programm għandu jappoġġa l-attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni. ***Dan għandu jinkludi, meta jkun xieraq, mekkaniżmi ta' finanzjament kaskata u formati oħra ta' appoġġ imfassla apposta li jippermettu lil negozji ġodda fi stadju bikri, immexxija minn studenti u bbażati fl-universitajiet jaċċessaw appoġġ inizjali u jaqbdu ma' networks ta' innovazzjoni Ewropej usa', b'mod partikolari fil-pajjiżi ta' twessigħ u ta' tranżizzjoni.***

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Pajjiżi Assoċjati b'appoġġ espert prattiku biex ifasslu, jimplimentaw u jevalwaw riformi li jtejbu l-kwalità tal-investimenti, il-politiki u s-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom. Dan għandu	3. Il-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Pajjiżi Assoċjati b'appoġġ espert prattiku biex ifasslu, jimplimentaw u jevalwaw riformi li jtejbu l-kwalità tal-investimenti, il-politiki u s-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom. Dan għandu

jikkontribwixxi għall-bini ta' sistemi nazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni aktar b'saħħithom u aktar effettivi u Żona Ewropea tar-Riċerka aktar robusta.	jikkontribwixxi għall-bini ta' sistemi nazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni aktar b'saħħithom u aktar effettivi u Żona Ewropea tar-Riċerka aktar robusta. ***Dan l-appoġġ jista' jkopri wkoll gwida u assistenza esperta lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari fil-pajjiżi ta' twessigħ u ta' tranżizzjoni biex ifasslu skemi ta' appoġġ għall-innovazzjoni li jkunu adattati aħjar għall-ħtiġijiet ta' negozji ġodda b'riskju għoli bbażati fuq ir-riċerka u biex isaħħu r-riżerva mir-riżultati fir-riċerka sal-adozzjoni mis-suq, b'komplementarjetà mal-Programm.***

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) miżuri li jsaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali biex tinbena riżerva sostenibbli ta' SMEs u negozji ġodda innovattivi, inklużi impriżi ta' teknoloġija profonda, li jippermettu l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fi proġetti kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni u jappoġġaw l-espansjoni tal-innovazzjoni madwar l-Unjoni.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Minbarra r-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni u l-impenji legali li jirriżultaw għandhom jippermettu t-terminazzjoni meta l-objettivi tal-azzjoni x'aktarx mhux se jintlaħqu bl-ebda mod	11. Minbarra r-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni u l-impenji legali li jirriżultaw għandhom jippermettu t-terminazzjoni meta l-objettivi tal-azzjoni x'aktarx mhux se jintlaħqu bl-ebda mod

jew fl-iskedi ta' żmien stabbiliti, jew l-azzjoni tkun tilfet ir-rilevanza politika tagħha.	jew fl-iskedi ta' żmien stabbiliti, jew l-azzjoni tkun tilfet ir-rilevanza politika tagħha. ***L-impenn legali għandu jispeċifika l-proċedura għat-terminazzjoni, inkluż id-dritt tal-benefiċjarju li jinstema', l-evidenza li għandha tiġi invokata, u l-konsegwenzi finanzjarji, inkluża l-metodoloġija għad-determinazzjoni ta' kwalunkwe tnaqqis, irkupru jew pagament finali.***

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jispeċifikaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi inkluż biex jitqiesu rekwiżiti speċifiċi ta' politika.	12. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jispeċifikaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi inkluż biex jitqiesu rekwiżiti speċifiċi ta' politika. ***Sabiex jissaħħu l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni effettiva għar-riċerka u l-innovazzjoni fit-territorji kollha tal-Unjoni, il-proċedura tal-għoti għandha tqis il-possibbiltà li jiġu inklużi approċċi modulari u konsorzji iżgħar jew aktar flessibbli.***

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Limiti ta' żmien proċedurali għandhom jiġu stabbiliti għall-passi ewlenin fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-għotjiet, inklużi l-evalwazzjoni, it-tħejjija tal-ftehimiet tal-għotjiet, u l-iffirmar, biex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-finanzjament. Għandhom jiġu applikati regoli ċari u

	aċċessibbli biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-SMEs u l-ispin-offs, u biex titwessa' l-bażi tal-benefiċjarji.

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għandhom jintużaw mudelli standardizzati għall-kalkolu tal-kostijiet indiretti, b'linji gwida ċari dwar il-kategoriji tal-kostijiet diretti eliġibbli (eż. persunal, tagħmir, vjaġġar). Għandhom jiġu pprovduti taħriġ u FAQs biex jiġu ċċarati diffikultajiet komuni (eż. l-għadd doppju tal-ispejjeż ġenerali).

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jagħmlu l-aħjar sforzi biex jivvalorizzaw ir-riżultati tagħhom, direttament jew indirettament, inkluż permezz ta' trasferiment jew liċenzjar; jekk ir-riżultati ma jiġux valorizzati f'perjodu partikolari, il-Kummissjoni tista' tidentifika strumenti u għodod, bħal dawk li jservu l-istrateġija ta' valorizzazzjoni stabbilita fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività], li l-benefiċjarji kkonċernati għandhom jużaw biex jiffaċilitaw il-valorizzazzjoni ta' dawk ir-riżultati;	(c) jagħmlu l-aħjar sforzi biex jivvalorizzaw ir-riżultati tagħhom, direttament jew indirettament, inkluż permezz ta' trasferiment jew liċenzjar; jekk ir-riżultati ma jiġux valorizzati f'perjodu partikolari, il-Kummissjoni tista' tidentifika strumenti u għodod, bħal dawk li jservu l-istrateġija ta' valorizzazzjoni stabbilita fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività], li l-benefiċjarji kkonċernati għandhom jużaw biex jiffaċilitaw il-valorizzazzjoni ta' dawk ir-riżultati***, inklużi strumenti li jappoġġaw l-użu reġjonali u lokali u l-involviment ta' ekosistemi ta' innovazzjoni lil hinn miċ-ċentri ewlenin, u, meta jkun xieraq, appoġġ għal strutturi ta' trasferiment ta' teknoloġija universitarja u inċentivi għall-***

privattivi, il-liċenzjar u l-ispin-offs;

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-valorizzazzjoni effettiva tar-riżultati u tivvaluta r-redditu ekonomiku u soċjetali fuq l-investiment tal-Unjoni, filwaqt li tintroduċi miżuri korrettivi fejn meħtieġ, sabiex ittejjeb l-impatt tar-riċerka ffinanzjata pubblikament u tevita s-sottoutilizzazzjoni tagħha.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tagħmel disponibbli għall-pubbliku gwida għall-implimentazzjoni tal-akkwist prekummerċjali fl-ambitu tal-Programm. Tali gwida għandha tindirizza, b'mod partikolari, il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, il-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, is-sjieda tar-riżultati u l-aċċess għalihom, l-użu effettiv tal-oġġetti, tas-servizzi jew tax-xogħlijiet akkwistati, u l-mitigazzjoni tar-riskji assoċjati ma' soluzzjonijiet innovattivi jew li huma l-ewwel tat-tip tagħhom. Il-gwida għandha tiżgura l-konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, trattament ugwali, u ġestjoni finanzjarja tajba u għandha tinkludi miżuri u għodod prattiċi biex jiġu appoġġati applikanti għall-ewwel darba u b'inqas esperjenza, b'attenzjoni

partikolari għall-SMEs u l-istart-ups.

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 33a
	Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa li jiżguraw li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.
	2. Is-sistemi ta' kontroll u awditjar għandhom ikunu proporzjonati, simplifikati u bbażati fuq ir-riskju, b'użu akbar ta' għodod diġitali u miżuri preventivi. Għandu jiġi pprovdut taħriġ obbligatorju, inkluż taħriġ online, lill-applikanti u lill-benefiċjarji biex jiġi żgurat fehim xieraq tar-regoli applikabbli u tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari fir-rigward tal-kostijiet tal-persunal.
	3. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet relatati mat-tipi kollha ta' finanzjament skont dan ir-Regolament, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, fil-limiti tal-mandat tagħhom b'enfasi fuq reati serji, frodi sistemika u korruzzjoni li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
	4. Kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni għandha

tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandha tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, kif xieraq, lill-UPPE, u għandha tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità.

5. Meta l-fondi jiġu ġestiti mill-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni għandha tiżgura, billi tinkludi d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-ftehimiet tagħha ma' dawk il-korpi, li d-drittijiet imsemmija hawn fuq tal-OLAF, tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tal-UPPE jiġu rispettati bis-sħiħ, u li approċċ armonizzat jiġi applikat fil-mandati rispetti tagħhom.

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 33b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 33b
	Rapportar mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew
	1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew dwar l-użu ta' derogi u eċċezzjonijiet mir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 applikati fl-implimentazzjoni tal-Programm u dwar id-distribuzzjoni ġeografika tal-fondi.
	2. Ir-rapport għandu jkopri, b'mod partikolari, l-użu ta':
	(a) proċeduri ta' għoti direct u proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel fl-akkwist

pubbliku;

(b) għotjiet diretti u derogi oħra minn proċeduri ta' għoti kompetittivi;

(c) proċeduri aċċelerati jew simplifikati ta' għoti u implimentazzjoni;

(d) kwalunkwe miżura eċċezzjonali oħra li tiddevja mir-regoli standard tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-akkwist, l-għotjiet, l-istrumenti finanzjarji jew il-garanziji baġitarji.

3. Ir-rapport għandu jinkludi, għal kull kategorija ta' deroga jew eċċezzjoni:

(a) il-bażi legali li fuqha sserraħ;

(b) il-ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni tagħha, inklużi ċ-ċirkostanzi u l-objettivi segwiti;

(c) l-għadd ta' każijiet ikkonċernati u l-ammonti finanzjarji korrispondenti;

(d) informazzjoni dwar il-benefiċjarji jew il-kuntratturi, f'konformità mar-regoli applikabbli dwar it-trasparenza u l-protezzjoni tad-data;

(e) valutazzjoni tal-impatt ta' tali derogi, it-trasparenza u l-valur għall-flus.

4. Fir-rigward tad-distribuzzjoni ġeografika tal-fondi, ir-rapport għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-appoġġ għal kull waħda mill-erba' partijiet tal-Programm fost l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi terzi, inkluż it-tip ta' strument ta' finanzjament użat.

5. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara t-tmiem tas-sena finanzjarja sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jeżerċita l-kontroll baġitarju u r-responsabbiltajiet ta' kwittanza tiegħu skont it-Trattati.

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 33c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 33c
	Trasparenza, integrità u diliġenza dovuta
	1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-appoġġ fl-ambitu ta' dan ir-Regolament ma jingħatax lil, jew għall-benefiċċju ta', persuni jew entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 215 tat-TFUE, jew lil kwalunkwe persuna jew entità oħra fejn l-għoti ta' appoġġ tal-Unjoni jkun ipprojbit skont id-liġi applikabbli tal-Unjoni.
	2. L-applikanti, il-benefiċjarji, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, l-intermedjarji finanzjarji u r-riċevituri finali għandhom jipprovdu, fuq talba u f'konformità mal-liġi applikabbli, informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u l-istruttura ta' kontroll tagħhom, inkluż bidliet li jseħħu matul l-implimentazzjoni, għall-fini tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
	3. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u l-intermedjarji finanzjarji għandhom japplikaw diliġenza dovuta proporzjonata kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli u għandhom jinkludu, fil-proċeduri tagħhom, kontrolli għall-appoġġ tal-Unjoni ġestit minnhom skont dan ir-Regolament.
	4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-impenji u l-ftehimiet legali jipprevedu t-terminazzjoni, is-sospensjoni, it-tnaqqis u l-irkupru meta jinkisru l-paragrafi 1 sa 3, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
	5. L-entitajiet legali li jirċievu appoġġ fl-ambitu tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, inklużi għotjiet, finanzjament imħallat jew appoġġ għall-

ekwità, għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' rapporti annwali fil-livell tal-azzjoni appoġġata dwar l-użu tal-finanzjament, il-progress u l-eżiti tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet legali applikabbli dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali. Tali rapporti għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku u, meta xieraq, ikunu soġġetti għal awditi indipendenti biex tiġi vverifikata l-eżattezza tagħhom.

6. Għall-azzjonijiet diretti implimentati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura trasparenza xierqa fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-regoli etiċi applikabbli.

7. Għal dak l-għan, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jagħmel disponibbli għall-pubbliku, fuq bażi annwali, informazzjoni aggregata dwar il-politiki, il-proċeduri u l-miżuri fis-seħħ għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' kunflitti ta' interess potenzjali, inkluż fil-kuntest ta' kollaborazzjonijiet ma' entitajiet privati, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità.

8. Ir-riċerkaturi, l-esperti u persuni oħra involuti fl-evalwazzjonijiet jew fl-attivitajiet konsultattivi għandhom ikunu soġġetti għal dikjarazzjoni ta' kunflitti ta' interess u rekwiżiti ta' mitigazzjoni f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-azzjonijiet ta' finanzjament	9. L-azzjonijiet ta' finanzjament

imħallat għandhom jiġu sospiżi, emendati jew, jekk debitament ġustifikati, terminati jekk ma jintlaħqux tappi miżurabbli jew jekk il-benefiċjarju jirrifjuta l-appoġġ għall-investiment mingħajr raġuni debitament ġustifikata.	imħallat għandhom jiġu sospiżi, emendati jew, jekk debitament ġustifikati, terminati jekk ma jintlaħqux tappi miżurabbli***, jekk il-benefiċjarju jonqos milli japplika standards etiċi kif stabbilit fil-linja gwida ta' politika tal-UE,*** jew jekk il-benefiċjarju jirrifjuta l-appoġġ għall-investiment mingħajr raġuni debitament ġustifikata.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li fl-opinjoni tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Le Conseil des rectrices et des recteurs francophones (212751635794-10)
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
None

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, l-istabbiliment tar-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u t-tħassir tar-Regolament (UE) 2021/695
Referenzi	COM(2025)0543 – C10-0164/2025 – 2025/0543(COD)
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 23.10.2025
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CONT 23.10.2025
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Olivier Chastel 15.1.2026
Eżami fil-kumitat	2.3.2026
Data tal-adozzjoni	24.3.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 –: 0 0: 7

VOTAZZJONI FINALI
B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

22	+
ECR	Bert-Jan Ruissen, Şerban Dimitrie Sturdza
PPE	Georgios Aftias, François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Andreas Schwab, Marion Walsmann, Tomáš Zdechovský
PfE	Ondřej Knotek
Renew	Gilles Boyer, Olivier Chastel, Vlad Vasile-Voiculescu
S&D	Vytenis Povilas Andriukaitis, Andi Cristea, Maria Guzenina, Giuseppe Lupo, Marit Maij, Thomas Pellerin-Carlin
Verts/ALE	Daniel Freund, Erik Marquardt

0	-

7	0
ECR	Dick Erixon
ESN	Arno Bausemer
PfE	Tamás Deutsch, Virginie Joron, Pierre Pimpie
The Left	Rudi Kennes, Pasquale Tridico

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni